# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Marzu, 2017**

Kawza Numru: 377/2016JB

Numru:

**Adrian Cauchi (K.I.: 571792M) u**
**Kirby Cauchi (K.I.: 106789M)**

***vs***

**Sue Midolo**
**in rapprezentanza ta' "St Catherine School" Pembroke**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-15 ta' Settembru 2016 fejn l-Atturi talbu li l-Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tmien mija u ghaxar euro (€810) rapprezentanti spejjez li l-Atturi kellhom jaghmlu peress li l-intimati unilateralment itterminaw r-registrazzjoni ta' bint l-esponenti mill-iskola "St Catherine School" u minhabba f'hekk l-Atturi sofrew danni kif se jigi ppruvat li jinkludu *registration fee* u spejjez ghall-iskola gdida.  Talbu wkoll l-ispejjez u l-imghax.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-18 ta' Novembru 2016 quddiem gudikatur iehor (a fol 5);

Ra li l-Konvenuta, debitament notifikata bl-atti (a fol 6), laqghet ghal din l-azzjoni billi pprezentat risposta fl-24 ta' Ottubru 2016 (a fol 7) fejn eccepiet dan li gej:

1. Peliminarjament, hemm lok ta' rikuza tal-Gudikatur fit-termini tal-Art. 734(1)(a) tal-Kap. 12 u tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq minhabba li hi qariba bid-demm tar-ragel tal-eccipjenti u tippatrocinah f'kawza kontra l-esponenti;

2. Fil-mertu, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi:

a. Mhux minnu li l-eccipjenti tterminat unilateralment ir-registrazzjoni ta' bint l-Atturi mill-iskola "St Catherine School" u dan billi kienu l-Attur nnifishom li taw avviz lill-iskola li binthom ma kienetx se tkompli bl-edukazzjoni taghha fl-istess skola;

b. Il-hlas maghmul mill-Atturi biex irregistraw lil binthom fl-iskola kienu jafu li kien *non-refundable registration fee,* u ghalhekk l-istess hlas f'kull kaz mhux rifondibbli.

3. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, l-eccipjenti ma ghandha ebda responsabilita u ma tahti bl-ebda mod ghall-ispejjez inkorsi mill-atturi u reklamati b'din l-azzjoni.

4. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, l-eccipjenti mghandha thallas xejn.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2016 (a fol 11) fejn il-Gudikatur sedenti, Dottor Anna Mallia, irrikuzat ruhha stante parentela ma' zewg il-Konvenuta u rrinvjat l-Atti lir-Registratur sabiex jigu assenjati lil Gudikatur iehor;

Ra li l-kawza giet assenjata mill-gdid fit-28 ta' Novembru 2016 (a fol 12) u dan lit-Tribunal kif issa presedut;

Ra li l-kawza giet riappuntata ghas-smiegh ghas-seduta tat-23 ta' Jannar 2017 (a fol 13);

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidra;

Illi l-odjerna kawza hija wahda ghall-hlas ta' somma in konnessjoni ma' spejjez li l-Atturi qed jghidu li ghamlu meta binthom ma baqghetx registrata bhala studenta fl-iskola St Catherine School, gestita mill-Konvenuta. Il-Konvenuta tilqa' ghal din l-azzjoni billi teccepixxi r-rikuza (eccezzjoni ormai sorvolata), teccepixxi li t-talba ghat-thassir tar-registrazzjoni saret mill-istess Atturi u teccepixxi li mghandha thallas xejn.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta dan li gej:

L-Attrici xehdet (a fol 43) u stqarret li bintha kienet ilha tattendi l-iskola ghal seba' snin sakemm kienet tiela fit-tieni sena tas-sekondarja u l-iskola ma zammitilhiex post. Tghid li minhabba dan qieghdha titob ir-risarciment tas-somma ta' hames mitt euro (€500) li kienet inkorriet meta rregistrat lil bintha fl-iskola fil-waqt li s-somma ta' tliet mija u ghaxar euro (€310) tirraprezenta spejjez li nkorriet biex baghatet lil bintha fi skola gdida. Hija pprezentat ghadd ta' ircevuti. Tghid li hi baqghet tircievi l-korrispondenza minkejja li l-iskola ma kienetx irriservat post ghal-bintha. Hi tghid ukoll li zewgha, kien mar jistharreg il-possbilita

mal-iskola li johrog lill-minuri mill-iskola sabiex jemigraw. Tghid li minkejja dan, ghall-habta ta' April/Mejju kienu imlew formola biex jikkonfermaw li bintom kienet se tattendi ghas-sena skolastika sussegwenti. In kontro-ezami, tghid li l-Atturi kienu qed jippjanaw li jmorru jghixu l-Amerka f'Settembru 2016, izda f'April biddlu fehmithom peress li l-Attur sab xoghol fl-Ingilterra.

Il-Konvenuta xehdet bil-procedura tal-affidavit (a fol 19). Tghid li r-*registration fee* kienet ta' erba' mija u hamsa u disghin euro (€495) u kienet *non-refundable*. Tghid li f'April 2016, l-iskola giet infurmata li bint l-Atturi ma kienetx se tibqa' tattendi l-iskola u ghalhekk inholqot vakanza. Sussegwentement, qatghu l-access tal-Atturi ghas-sistemi online tal-iskola. Tghid li f'Settembru 2016, l-Attrici lmentat li ma kienetx irceviet taghrif dwar is-sena skolastika sussegwenti u giet infurmata li l-Atturi kienu biddlu l-pjani taghhom dwar li jemigraw.

Missier il-Konvenuta, Paul Midolo, xehed bil-procedura tal-affidavit (a fol 37) u stqarr li fil-11 ta' April 2016 kien kellmu l-Attur u wara li hallas xi mizata, qallu li bintu ma kienetx se tibqa' tattendi l-iskola fis-sena ta' wara. Jghid li l-Atturi qatt ma regghu kellmuh wara dak in-nhar.

Xehedu wkoll bil-procedura tal-affidavit Marguerite Agius, Anne Virgo u Kathleen Mangion li lkoll ikkonfermaw dak li xehedu Sue u Paul Midolo.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi, jidher li l-pern tal-kwistjoni huwa jekk l-Atturi tawx avviz lill-Konvenuta li binthom ma kienetx se tibqa' tattendi l-iskola jew le fis-sena skolastika li bdiet f'Settembru 2016.

Fil-fehma tat-Tribunal, din hi kwistjoni ta' kredibilita ta' xhieda. It-Tribunal xtarr dak li nghad mix-xhieda kollha u qies li l-Attur ma xehedx imqar bil-procedura tal-affidavit. Fl-istess waqt, l-Attrici kienet pjuttost evasiva meta xehdet filwaqt li naqset milli tressaq certi dokumenti li xehdet dwarhom.

Fil-fehma tat-Tribunal, mhuwiex verosimili li skola taqbad u tikkancella r-registrazzjoni ta' studenta gratwitament u leggerment. Ghalhekk, qieghed jilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-Konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, prevja li jasteni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni stante li sorvolata bir-rikuza tal-Gudikatur Anna Mallia, jilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-Konvenuta, konsegwentement jichad it-talba attrici. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom ikunu a karigu tal-Atturi.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace

*Deputat Reġistratur*